

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fil-31 ta' Awwissu 2010 — Tomasz Ziolkowski vs Land Berlin**

(Kawża C-424/10)

(2010/C 301/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Tomasz Ziolkowski

Konvenuta: Land Berlin

**Domandi preliminari**

- (1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38/KE <sup>(1)</sup> għandha tiġi interpretata fis-sens li tagħti lil ċittadin tal-Unjoni Ewropea, li għex legalment, inkonformità mad-dritt nazzjonali, għal iktar minn ħames snin fit-territorju ta' Stat Membru iżda li f'dan iż-żmien qatt ma ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38/KE, dritt ta' residenza permanenti f'dan l-Istat Membru?
- (2) Għall-finijiet tar-residenza legali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38/KE għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-perijodi ta' residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membri ospitanti mwettqa qabel id-data tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Istat ta' oriġini ta' dan iċ-ċittadin?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fil-31 ta' Awwissu 2010 — Barbara Szeja, Maria-Magdalena Szeja, Marlon Szeja vs Land Berlin**

(Kawża C-425/10)

(2010/C 301/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Barbara Szeja, Maria-Magdalena Szeja, Marlon Szeja

Konvenuta: Land Berlin

**Domandi preliminari**

- (1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38/KE <sup>(1)</sup> għandha tiġi interpretata fis-sens li tagħti lil ċittadin tal-Unjoni Ewropea, li għex legalment, inkonformità mad-dritt nazzjonali, għal iktar minn ħames snin fit-territorju ta' Stat Membru iżda li f'dan iż-żmien qatt ma ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38/KE, dritt ta' residenza permanenti f'dan l-Istat Membru?
- (2) Għall-finijiet tar-residenza legali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38/KE għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-perijodi ta' residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membri ospitanti li sehew qabel id-data tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Istat ta' oriġini ta' dan iċ-ċittadin?

<sup>(1)</sup> ĠU L 158, p. 77

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2010 minn X Technology Swiss kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża T-547/08 — X Technology Swiss vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-429/10 P)

(2010/C 301/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: X Technology Swiss GmbH (rappreżentanti: A. Herbertz u R. Jung, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża T-547/08 u d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tas-6 ta' Ottubru 2008 — R 846/2008-4,

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell huwa intiż kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li tiċħad ir-rikors tal-appellanti għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tas-6 ta' Ottubru 2008, dwar iċ-ċaħda tal-applikazzjoni ta' għar-reġistrazzjoni ta' trade mark ta' pożizzjoni, li tikkonsisti fl-għoti tal-kulur oranġo lill-ponta ta' kalzetta.